## Id-Djarju tal-Parroċċa – Ottubru 2015

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 30 ta' Settembru | **Jum l-Anzjani** |
| Il-Ħamis 1 ta' Ottubru | **Bidu tas-Sena tal-Katekiżmu**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa għat-tfal kollha, flimkien mal-ġenituri, li jattendu d-Duttrina fil-MUSEUM (Subien u Bniet). Matul din il-quddiesa nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu. |
| Il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 4 ta' Ottubru | **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**<br>Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna<br>Fis-6:30pm - Purċissjoni li matulha jingħad ir-Rużarju u tagħlaq b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| Is-Sibt 10 ta' Ottubru | **Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja:**<br>***231 sena***<br>*(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)* |
| Il-Ħadd 11 ta' Ottubru | **Jum it-Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**<br>Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni. |
| Il-Ħadd 18 ta' Ottubru | **Jum il-Missjoni** |
| *Mit-Tnejn 19 ta' Ottubru sal-Ġimgħa 23 ta' Ottubru* | *Ġimgħa speċjali ta' Preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof* |
| Il-Ħadd 25 ta' Ottubru | **Jum il-Bibbja u l-Griżma tal-Isqof**<br>Fl-4:00pm - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm.* |
| Il-Ħamis 29 ta' Ottubru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Adam Bondin



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Gabriel Agius u Donatella Gauci
Mark Paul Busuttil u Naomi Mizzi

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI



**Tel: 21649223**

*Messaġġ tal-Kappillan*

## OTTUBRU: SER TGĦIXU BĦALA KALENDARJU MIMLI ĦAJJA FIL-MULEJ

Filli s-Sajf bir-rittmu tiegħu, bil-baħar, bl-attivitajiet u bil-festa, u filli naqbdu x-xahar t'Ottubru, u bħal donnu r-rittmu jisserja u ħafna huma dawk li mill-ġdid jaqbdu r-rittmu ta' xogħol aktar intensiv u tal-istudju. Għax Ottubru huwa x-xahar li fih nerġgħu naraw l-għanijiet tagħna u b'entużjażmu ġdid nerġgħu niddedikaw lilna nfusna u nimpenjaw ruħna sew ħalli dawk l-għanijiet nilħquhom.

***Jiem ta' Grazzja u ta' Sejħat għall-Impenn Nisrani***

Jekk naraw sew il-kalendarju parrokkjali ninnutaw li x-xahar t'Ottubru jistedinna biex bħala membri ta' din il-parroċċa nieħdu b'aktar impenn il-ħajja nisranija: il-bidu tas-sena tat-tagħlim tal-Katekiżmu, Jum l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-knisja, Jum il-Missjoni, u Jum l-Għoti tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Dawn kollha huma sejħat ċari u qawwija li bħala persuni li nemmnu irridu dejjem nirrealizzaw li l-esperjenza ta' Knisja ma tistax tillimita ruħha għall-fatt li nimxu bl-aptit, u l-aktar l-aktar immorru sal-quddies u dmirna ta' nsara nkunu qdejnieh. Imma tabilħaqq, dawn huma jiem li jridu jħeġġuna biex nieħdu bis-serjetà l-formazzjoni spiritwali tagħna ħalli b'ħajjitna nuru li aħna l-ikkonsagrati tal-Mulej u bħala knisja, għax mimlijin bl-Ispirtu qaddis tiegħu, aħna lesti li nħobbu lil dawk kollha li niltaqgħu magħhom fil-mixja ta' ħajjitna. Għalhekk ippermettuli nistaqsi:

- It-tagħlim nisrani tiegħek waqaf biss sal-Griżma jew tirrealizza li d-dmir tiegħek ta' nisrani hu li tibqa' tifforma ruħek sew fil-katekiżmu tal-Knisja Kattolika? **Mela aħtaf l-okkażjoni u fittex li tibqa' titgħallem!**
- Is-sens ta' Knisja tiegħek jieqaf biss ma' kemm hu sabiħ il-bini u l-kumdità jew skumdità tal-bank/siġġu meta tmur għall-quddies, jew tieħu interess biex tkun taf x'qed jiġri fil-knisja madwar id-dinja u tfittex li tkun membru ħaj tagħha billi titlob u tagħti sehemek? **Mela aħtaf l-okkażjoni u uri interess fil-knisja ħajja mxerrda mad-dinja!**
- Is-sens ta' Missjoni, jiġifieri li Kristu jkun magħruf u maħbub minn kull bniedem, ma jħeġġekx biex titlob għal tant missjunarji u hekk toffri wkoll mhux biss ftit flus imma pjuttost ftit ħin biex timpenja ruħek f'għajnuna volontarja biex titjieb il-ħajja tal-bniedem fid-dawl tal-imħabba ta' Ġesù? **Mela aħtaf l-okkażjoni u offri li tagħmel xi tip ta' ħidma volontarja li turi karità u għaldaqstant xxandar lil Kristu bl-għemil!**
- L-Għoti tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil diversi adolexxenti mill-parroċċa tagħna ma tarax fih stedina biex liż-żgħażagħ tagħna ninkuraġġuhom u nagħmlulhom spazju xieraq ħalli jsibu posthom fil-knisja u jaqsmu iż-żgħożija tagħhom, bil-biżat imma wkoll bil-kreattività taħghom magħna?

*ikompli f'paġna 2*

**Mela aħtaf l-okkażjoni u ħeġġeġ lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ tagħna ħalli bil-qawwa tal-Ispirtu Qaddis jagħrfu juru li l-fidi f'Ġesù kapaċi tkun programm avventuruż ta' ħajja bis-sens.**

***Jiem ta' Għerf u ta' Mogħdrija: Is-Sinodu tal-Isqfijiet u l-Preparazzjoni għas-Sena tal-Ħniena***

Ma' dawn il-jiem tajjeb ninnutaw ukoll li l-Knisja fi żmienna hija tassew waħda ħajja tant li fuq livell universali ma nistgħux ma nsemmux li matul dan ix-xahar ta' Ottubru (bejn l-4 u l-25) ser ikun qed iseħħ ukoll is-Sinodu tal-Isqfijiet dwar il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja kontemporanja. Diversi isqfijiet minn madwar id-dinja ser ikunu Ruma flimkien mal-Papa u ser ikomplu jirriflettu u jiddiskutu biex jifformulaw linji-gwida pastorali adatti ta' kif il-Knisja għandha tħares lejn u tgħin il-familji fi żmienna. Fl-istess waqt ejjew nirrealizzaw ukoll li għaddejjin diversi thejjijiet u inizjattivi biex is-Sena tal-Ħniena li ħabbar il-Papa Franġisku bħala Ġublew Straordinarju u li ser tkun bejn it-Tlieta 8 ta' Diċembru 2015 – Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni – u l-Ħadd 20 ta' Novembru 2016 – Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-univers u wiċċ ħaj tal-ħniena tal-Missier – tassew tħalli marki speċjali fil-qalb ta' diversi nies li qed ifittxu lil Alla.

Jalla dan ix-xahar, bl-attivitajiet u bl-inizjattivi kollha li fih, jgħinna nindunaw li l-ħajja ta' grazzja li Alla jixtieqna ngħixu ma hija bl-ebda mod waħda monotona imma pjuttost waħda kreattiva u varjata tant li tagħmel ħilitha biex issib toroq ġodda ħa tasal għand kull bniedem. Jalla kull wieħed u waħda minnha jara li ma joqgħodx lura, imma li mal-Knisja jimpenja ruħu u jfittex li jiftaħ il-bieb beraħ għal Alla u għar-rieda tiegħu.

***Fr David Farrugia***

## Il-Jiem tad-Duttrina fil-Parroċċa tagħna
ser ikunu hekk:

**Subien:**
*Mill-Yr 1 sal-Yr 5*:
It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-5:30pm u s-6:25pm
*Mill-Yr 6 'il fuq*:
Kuljum (barra l-Erbgħa):- bejn is-7:00pm u t-8:00pm.
Is-Sibt:- bejn is-6:00pm u s-7:30pm.
Il-Ħadd AM:- Quddiesa tat-8:15am u wara Museum sal-10:30am.
Il-Ħadd PM:- bejn it-3:00pm u s-6:00pm.

**Bniet:**
*Yr 1, Yr 3, Yr 5 u Fm1*:
It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-5:00pm u s-5:45pm
*Yr 2, Yr 6, u Fm2*:
It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-6:00pm u s-6:45pm
*Yr 4 u minn Fm3 'il fuq*:
It-Tlieta u l-Ġimgħa:- bejn il-5:45pm u s-6:30pm.



**IEQAF u AĦSEB**

## F'LIEMA KNISJA QIEGĦED?
***CRUISE-LINER** jew **VAPUR TAL-GWERRA***

Ħafna drabi, aħna l-insara naqgħu fit-tentazzjoni li nħarsu lejn il-Knisja bħala **VAPUR LUSSUŻ TAL-ĠITI – *CRUISE-LINER* –**
u allura niġġudikawh b'dan il-mod:
- Sabiħa il-ħajja fuq il-vapur u l-mużika li qed idoqqu?
- Qegħdin jogħġbuni l-Kaptan u l-membri tal-ekwipaġġ?
- Is-servizz offrut huwa tajjeb?
- Il-bżonnijiet tiegħi huwa moqdija? Inħossni sodisfatt?
- Il-Vjaġġ huwa pjaċevoli?
- Inħossni komdu?
- Insiefer magħhom darb'oħra?

Imma l-aħjar xbieha tal-Knisja, tajjeb li tkun dik ta' **VAPUR TAL-GWERRA – *BATTLESHIP* –**
u allura nikkunsidrawh f'dan id-dawl:
- Il-Vapur, qiegħed f'missjoni ċara u nobbli?
- Il-Kaptan qed joqgħod għall-ordnijiet tal-għola awtorità?
- Il-membri tal-ekwipaġġ huma armati tajjeb biex jirnexxu?
- Kapaċi jikkontribwixxu b'modi sinjifikattivi?
- Huma mogħtija ġieħ għas-sagrifiċċji magħmula u l-kuraġġ muri?

***Ejjew inħarsu u ngħixu fi ħdan il-Knisja b'mod tassew għaqli!***

